MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 162/1997/1

**Professur Victor u Mary konjuġi Mallia Milanes**

***Versus***

**Avukat Christopher Cilia u Prokuratur Legali Gerald Bonello li b'dikriet tat-18 ta' Marzu 1997 inħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-imsiefer John Busuttil; u b'dikriet ta' l-4 ta' Diċembru 1997 John Busuttil assuma l-atti tal-kawża f'ismu, u l-kuraturi deputati Avukat Christopher Cilia u Prokuratur Legali Gerald Bonello nħarġu mill-kawża; u b'nota tal-11 ta' Settembru 1998 l-Avukat Joseph G. Borg assuma l-atti tal-kawża bħala mandatarju ta' John Busuttil**

Din hija *actio empti* b'kontro-talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'kuntratt tal-15 t'Ottubru 1992 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb, l-atturi xtraw mingħand il-konvenut ġl-utli dominju perpetwu ta'ħ l-appartament

numru erbgħa (4), fil-korp jismu *Twanloui*, fi Triq Nigel Dennis (qabel kienet triq ġdida bla isem fi Triq Vajrita), Marsascala, bl-arja tiegħu u flimkien ma' sehem mhux maqsum tal-partijiet komuni, mgħobbi b'ċens perpetwu ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) fis-sena, ħieles minn kull ħaġa oħra. Bl-istess kuntratt l-atturi kisbu wkoll l-utli dominju perpetwu ta' wieħed mill-*garages* fl-istess korp, mgħobbi b'ċens perpetwu ta' ħmistax-il lira (Lm15) fis-sena. Il-bejgħ kollu sar bil-prezz ta' erbatax-il elf lira (Lm14,000).

Ftit qabel ma nfetħet il-kawża l-attur sar jaf illi hu ma setax kiseb l-arja kollha ta' l-appartament għax il-konvenut kellu biss bejn wieħed u ieħor in-nofs ta' l-arja, u dan is-sehem li kellu l-konvenut kien ukoll mgħobbi b'servitù ta' użu maħluqa mill-awturi tal-konvenut favur dawk li joqogħdu fl-appartament numru tnejn (2) fl-istess korp. Barra minn hekk, min kellu l-jedd għaliha neżża' lill-atturi mill-pussess ta' din l-arja.

L-atturi għażlu li ma jħassrux il-kuntratt iżda li jitolbu tnaqqis fil-prezz minħabba l-arja li, għalkemm mibjugħa lilhom mill-konvenut, ma hijiex tagħhom, u għażlu wkoll illi jitolbu kumpens minħabba s-servitù li biha hija mgħobbija l-arja li kisbu.

Billi għalxejn sejħu lill-konvenut biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens ġust, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut bil-kuntratt fuq imsemmi bejgħ lill-atturi bla ma kellu jedd l-arja kollha ta' l-appartament numru erbgħa (4), fuq imsemmi, meta kellu biss parti maqsuma mill-istess arja;
2. tgħid illi l-parti maqsuma ta' l-arja li nbigħet sew lill-atturi, għalkemm inbigħet bħala ħielsa minn kull servitù, hija mgħobbija b'servitù ta' dritt ta' użu favur terzi; u
3. tillikwida l-valur ta' l-arja li l-konvenut biegħ lill-atturi bla ma kienet tiegħu, fid-dawl tal-prezz tax-xiri tal-fond, u tillikwida wkoll il-kumpens li jmiss lill-atturi minħabba s-servitù li biha hija mgħobbija dik il-parti ta' l-arja li għadha tagħhom.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra tat-30 t'Ottubru 1996.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru għall-konvenut ressqu l-eċċezzjoni illi huma ma jafux il-fatti tal-każ. Wara illi l-

konvenut *proprio* assuma l-atti, kompla ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hu u martu biegħu lill-atturi l-istess drittijiet ta' proprjetà li kienu kisbu huma, kif jixhed il-konvenju; id-diskrepanza bejn dak li hemm fil-konvenju u dak li deher fil-kuntratt iwieġeb għaliha l-Nutar Charles Vella Zarb, li ħejja kemm il-konvenju kif ukoll l-att ta' bejgħ;

2. għalhekk in-nutar għandu jissejjaħ fil-kawża sabiex iwieġeb għat-talbiet ta' l-atturi — din l-eċċezzjoni kienet miċħuda b'dikriet tal-20 t'Ottubru 1998[1]; u

3. hu sar jaf bid-diskrepanza mingħand l-attur żmien twil wara li sar il-bejgħ, u hu dejjem kien lest li jidher fuq att korrettorju.

Il-konvenut inqeda bil-proċeduri mibdija mill-atturi biex ressaq kontro-talba. Fisser illi l-atturi fadlilhom jagħtuh elf u ħames mitt lira (Lm1,500) mill-prezz tal-bejgħ u għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-atturi flimkien *in solidum* iħallsuh il-bilanċ ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500) flimkien ma' l-imgħax mill-24 ta' Lulju 1994 sa meta jsir il-ħlas u l-ispejjeż.

L-atturi ressqu dawn l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba:

1. ir-rikonvenzjoni ma tiswiex għax:

a. kellha ssir flimkien ma' l-ewwel nota ta' eċċezzjonijiet; u

b. f'kull każ l-eċċipjent ma kellux *locus standi* fil-kawża meta ippreżenta din it-talba;

2. fil-meritu, il-kontro-talba għandha tiġi miċħuda għax:

a. dak li għandhom jieħdu l-atturi skond it-tielet talba tagħhom huwa aktar minn elf u ħames mitt lira (Lm1,500);

b. billi n-negozju bejn il-partijiet kien ta' natura ċivili, u ma saret ebda talba b'ittra uffiċjali għall-ħlas, ma jistax jintalab imgħax ħlief minn dakinhar tas-sentenza;

c. it-tħassir ta' l-ipoteka, li kien jagħti lill-konvenut il-jedd għall-ħlas tal-bqija tal-prezz, saret b'att tan-Nutar Joe Cilia fil-11 ta' Diċembru 1995; u

d. il-konvenut ma għandux jedd jitlob danni mingħand l-atturi.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

---

[1] *Foll.* 46 *et seq.*

B’kuntratt ta’ l-14 ta’ Diċembru ta’ l-1990 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia[2], il-konvenut kien xtara mingħand Henry u Raymond Camilleri:
the flat internally numbered four (4) forming part of a block of buildings without number, named *Twanloui* in a New Street without name abutting onto Triq il-Vajrita Marsascala, … … … subject to the annual and perpetual groundrent of twenty five maltese liri (Lm25) … … … This sale also includes an undivided share of the common parts of the said block namely, the entrance, halls, stairs, landing and stairwell and a divided portion of the roof of the said block, including its airspace having an area of *circa* forty-eight point seven five square metres (48.75 $m^2$) precisely overlying the said flat number four (4) one half (½) of which is subject to the right of use of the occupants of flat number two (2) and the vendor *proprio et nomine* reserves the right of access to the remaining portion of the roof, having the same boundaries as the above mentioned block.
B’konvenju li sar quddiem in-Nutar Charles Vella Zarb fis-17 ta’ Lulju 1991[3], il-konvenut intrabat li jbigħ lill-atturi l-appartament li kien kiseb bil-kuntratt ta’ l-14 ta’ Diċembru 1990, u li kien imfisser hekk fuq il-konvenju:
the flat internally numbered four forming part of a block of four flats overlying two garages and a store without number named *Twanloui* in a new street without name abutting onto Vajrita Street in Marsascala, which flat is situated on the top floor on the left hand side as one faces the said block from the said street, … … … with all rights and appurtenances thereof including the undivided share of the common parts of the said block, namely the entrance, hall, staircase and stairwell as well as the airspace over the same flat number four, that is that part of the roof of the said block overlying precisely the flat being sold, one undivided half of which, that is the part on the back overlooking the yard of the block, is subject to the right of use in favour of the occupants of flat number two in the same block, and the other half is subject to a right of access in favour of Henry and Raymond Camilleri … … …

---

2 *Foll.* 64 *et seqq.*
3 *Fol.* 98

Imbagħad, b'kuntratt tal-15 t'Ottubru 1992 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb[4], il-konvenut bigħ l-appartament lill-atturi, u din id-darba l-proprjetà mibjugħa kienet imfissra hekk:

the flat internally numbered four (4) forming part of a block of four flats overlying two garages and a store, all without number which block is named *Twanloui* in a new street without name which abuts onto Vajrita Street Marsascala, with the overlying airspace over the said flat number four in full ownership, with an undivided share of the common parts of the said block namely the entrance, halls, stairs, landing and stairwell as subject this flat to an annual perpetual ground rent … … …

Għalkemm il-kuntratt igħid ukoll illi tħallas il-prezz kollu tal-bejgħ, u l-bejjigħ ħareġ riċevuta, ma huwiex kontestat illi x-xerrejja żammew elf u ħames mitt lira (Lm1,500) billi l-proprjetà kienet mgħobbija bi privileġġ favur terzi, bil-patt illi dan il-bilanċ jitħallas meta jitħassar il-privileġġ. Ma huwiex kontestat ukoll illi llum il-privileġġ tħassar.

Xi żmien wara li ħadu l-post f'idejhom, meta marru joqogħdu fih, billi jinqdew bih biss fis-sajf, l-atturi raw illi terzi kienu bnew fuq parti mill-bejt. Min bena qalilhom illi kellu jedd jagħmel hekk; għalhekk l-atturi qabbdu lill-avukat jagħmel riċerki dwar it-titolu u saru jafu illi l-konvenut seta' biss jagħtihom kejl ta' tmienja u erbgħin punt deċimali sebgħa ħamsa metri kwadri (48.75 m$^2$) mill-bejt, għax il-bqija tal-bejt kienet ta' terzi, u illi fuq dik il-parti li kienet tal-konvenut, u li għalhekk il-konvenut seta' jbigħha lill-atturi, terzi oħrajn kellhom jedd ta' aċċess.

Fuq il-parti tal-bejt li ma kinitx tal-konvenut kien inħoloq dritt ta' użu b'kuntratt tat-13 ta' Ġunju 1990 fl-atti tan-Nutar George Cassar[5] li bis-saħħa tiegħu Henry u Raymond Camilleri (l-awturi tal-konvenut) kienu bigħu l-appartament numru tnejn (2) fl-istess korp lil Anthony Camilleri:

… … … bid-dritt ta' użu ta' nofs il-bejt tal-*flat* numru erbgħa (4), liema parti għandha tkun fuq in-naħa ta' wara u eżattament fuq it-tliet *bedrooms*, u kamra tal-banju u parti mill-kuridur, liema bejt jibqa' *però* proprjetà tal-

4 *Foll.* 6 *et seq.*

5 *Foll.* 56 *et seqq.*

vendituri … … … Ix-xerrej ikollu dritt li jibni kamra ta' l-*aluminium* fuq il-bejt.

Id-dritt ta' użu kif tifhmu l-liġi huwa servitù personali, li jispiċċa bil-mewt ta' dak li għandu t-tgawdija, u huwa mfisser hekk fl-art. 392 tal-Kodiċi Ċivili:

**392.** (1) L-użu huwa l-jedd reali li wieħed jinqeda bil-ħaġa ta' ħaddieħor, jew li jiehu l-frottijiet tagħha, iżda biss sakemm hu meħtieġ għall-bżonnijiet tiegħu nnifsu u tal-familja tiegħu.

Ma jidhirx illi kien dan il-jedd illi l-partijiet kellhom f'moħħhom meta ħolqu l-jedd ta' użu bil-kuntratt tat-13 ta' Ġunju 1990 għax ma jidhirx illi l-ħsieb kien li jinħoloq jedd li jispiċċa biż-żmien. Madankollu, kien x'kien dan il-jedd ta' użu, ladarba d-dritt residwali tal-proprjetà nżamm mill-bejjigħa aħwa Camilleri, il-konvenut Busuttil ma kellu ebda jedd fuq dik il-parti tal-bejt, u għalhekk ma seta' għadda ebda jedd fuqha, kif deher li qiegħed jagħmel bil-kuntratt tal-15 t'Ottubru 1992 bejnu u l-atturi.

Dan il-kuntratt, kif rajna, igħid illi l-konvenut bigħ lill-atturi l-arja kollha ta' fuq l-appartament, u ma jgħid xejn dwar il-jedd ta' aċċess fuq il-parti li kienet tal-konvenut.

Il-konvenut qiegħed igħid illi l-ħsieb tal-partijiet kien illi l-konvenut ibigħ biss dak li seta' jbigħ, kif fil-fatt intrabat li jagħmel fuq l-konvenju, u kien bi żball — żball tan-nutar li ħejja l-kuntratt u ma mexiex fuq il-konvenju, u żball tiegħu li ma semax x'kien qiegħed igħid in-nutar meta qara l-kuntratt — illi fil-kuntratt deher li qiegħed ibigħ dak li ma huwiex tiegħu.

L-attur jiċħad dan u xehed illi l-ħsieb dejjem kien illi jixtri l-arja kollha. Fl-*affidavit* minnu maħluf fis-17 ta' Mejju 1998[6] qal hekk:

Għand dan in-nutar ġie redatt il-konvenju u niftakar li waqt dan il-konvenju jien kont għamilt enfasi li l-arja kollha tal-*flat* tkun tiegħi bil-ħsieb li jien ikolli d-dritt eventwalment anke nibni l-istess arja. Il-konvenut Busuttil għal dan kien qalli li dan iva kien possibbli u *cioè* li fil-fatt kien se jbegħli l-arja kollha ta' fuq il-*flat* tiegħi, b'dan *però* illi jien kont inkun obbligat li nipprovdi l-istess aċċess fuq il-bejt eventwali tal-bini l-ġdid. Fil-fatt ġie spjegat lili, mingħalija

---

6 *Foll.* 52 *et seqq.*

min-nutar, illi l-aċċess li kellu ħaddieħor fuq il-*flat* kien għar-rigward ta’ xi *aerial* u tank ta’ l-ilma.

Fil-fatt il-konvenju xejn ma hu ċar, Kif rajna, igħid illi kellu jinbigħ “*the airspace over the same flat number four, that is that part of the roof of the said block overlying precisely the flat being sold*”, u dwar drittijiet ta’ terzi jgħid illi dawn kellhom jedd ta’ użu fuq sehem mhux maqsum (“*one undivided half*”) tal-bejt, meta fil-fatt kien sehem maqsum. Lanqas igħid il-konvenju illi l-proprjetà residwali fuq dak in-nofs kienet ta’ terzi, mhux tal-konvenut.

Għalhekk, ukoll minn qari tal-konvenju biss, tidher raġjonevoli l-konklużjoni ta’ l-atturi illi l-jeddijiet ta’ terzi ma kinux hekk li jċaħħduhom mill-pussess ta’ parti sew mill-bejt.

F’kull każ, il-proprjetà li kellha tgħaddi hija dik imfissra fil-kuntratt ta’ bejgħ-u-xiri, mhux fil-konvenju. Il-konvenut ma talabx, lanqas b’rikonvenzjoni, illi l-kuntratt jitħassar minħabba żball u għalhekk il-qorti għandha timxi bħallikieku huwa l-kuntratt li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet. B’dak il-kuntratt, il-konvenut kien qiegħed ibigħ dak li ma kienx tiegħu, u għalhekk għandu jwieġeb taħt l-artt. 1417 *et seqq*. tal-Kodiċi Ċivili:

**1417.** (1) Jekk l-evizzjoni tkun ta’ biċċa biss mill-ħaġa, u din il-biċċa, meta tinqies mal-ħaġa kollha, tkun ta’ hekk importanza, illi mingħajrha x-xerrej ma kienx jixtri l-ħaġa, hu jista’, fi żmien sena minn dak in-nhar li s-sentenza dwar l-evizzjoni tkun għaddiet f’ġudikat, jitlob li jħoll il-bejgħ.

(2) … … …

**1418.** Jekk, fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ix-xerrej ma jagħżilx li jħoll il-bejgħ, il-valur li għandu jiġi mħallas mill-bejjiegħ lix-xerrej għall-biċċa milquta bl-evizzjoni, għandu jinqies mhux fuq il-prezz kollu tal-bejgħ, iżda fuq stima li fiha għandu jittieħed qies taż-żmien ta’ l-evizzjoni, sew jekk il-ħaġa mibjugħa tkun saret tiswa iżjed kemm jekk tkun saret tiswa anqas.

**1419.** (1) Jekk il-fond mibjugħ ikun suġġett għal servitujiet li ma jidhrux, li tagħhom ma tkunx saret dikjarazzjoni, u dawn is-servitujiet ikunu ta’ hekk importanza li wieħed għandu jaħseb illi x-xerrej ma kienx jixtri l-fond li kieku ġie mgħarraf bihom, dan jista’ jitlob jew il-ħall tal-bejgħ jew indennizz.

(2) … … …

B'dikriet tat-28 ta' Novembru 2002[7] il-qorti ħatret perit sabiex igħid kemm għandu jkun l-indennizz li għandu jitħallas lill-atturi meta tqis illi nofs il-bejt ma sarx tagħhom u illi terzi għandhom jedd ta' aċċess fuq in-nofs l-ieħor.

Il-perit irrelata fit-18 ta' Novembru 2003[8]. Qal illi l-bejt kollu jiswa elf, mija u ħamsin lira (Lm1,150), illi l-parti li ma kinitx tal-konvenut tiswa ħames mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm575), u illi l-parti li l-konvenut seta' jbigħ lill-atturi kienet tkun tiswa ħames mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm575) li kieku ma kinx hemm il-jedd ta' aċċess favur terzi, iżda dan il-valur jinżel bi tliet mitt lira (Lm300) minħabba l-jedd ta' aċċess. Għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-atturi bħala indennizz is-somma ta' tmien mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm875) b'kollox.

Il-qorti toqgħod fuq il-likwidazzjoni magħmula mill-perit tekniku u għalhekk, wara li tgħid illi bil-kuntratt tal-15 t'Ottubru 1992, il-konvenut bigħ lill-atturi proprjetà li ma setax ibigħha għax ma kinitx tiegħu, u bigħilhom ukoll proprjetà milquta b'servitù li ma saritx dikjarazzjoni dwarha fil-kuntratt, tillikwida fis-somma ta' tmien mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm875) l-indennizz li l-konvenut għandu jagħti lill-atturi għal dawn ir-raġunijiet.

Ngħaddu issa biex inqisu l-kontro-talbiet.

L-atturi jgħidu illi r-rikonvenzjoni ma saritx sew u ma tiswiex (i) għax kellha ssir flimkien ma' l-ewwel nota ta' eċċezzjonijiet (dik ippreżentata mill-kuraturi) u (ii) għax meta ressaq il-kontro-talbiet il-konvenut ma kellux *locus standi*.

Dwar kif issir rikonvenzjoni, il-liġi, fl-art. 398(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tgħid illi l-konvenut għandu jagħmel il-kontro-talba "fin-nota ta' eċċezzjoni", u, fl-art. 398(2), tkompli tgħid illi l-kontro-talba "għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi".

Tassew illi l-eċċezzjonijiet ulterjuri ma humiex meħtieġa mil-liġi, iżda fil-każ tallum l-ewwel nota ta' eċċezzjonijiet saret mill-kuraturi, u saret biss għall-forma, biex il-konvenut ma jitqiesx kontumaċi. Ladarba, fil-waqt li saret l-ewwel nota ta' eċċezzjonijiet, il-kuraturi ma kinux jafu

7 *Fol.* 98.

8 *Foll.* 104 *et seqq.*

biżżejjed dwar il-każ la biex jikkontestaw it-talbiet ta' l-atturi u lanqas biex iressqu l-kontro-talbiet, ma jkunx xieraq illi l-konvenut ikun imċaħħad mill-opportunità li jressaq il-kontro-talbiet tiegħu fl-ewwel okkażjoni li kellu.
Ir-rikonvenzjoni għalhekk saret sew, għalkemm fin-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.
L-atturi ressqu wkoll l-eċċezzjoni dwar il-*locus standi* tal-konvenut għax ir-rikonvenzjoni saret b'nota tat-3 ta' Diċembru 1997, u kien biss l-għada, fl-4 ta' Diċembru 1997, illi l-konvenut tħalla jassumi l-atti flok il-kuraturi.
Madankollu, billi, f'kull waqt, ukoll meta kienu qegħdin jidhru għalih il-kuraturi, il-konvenut kien parti fil-kawża, ma jistax jingħad illi f'xi waqt ma kellux *locus standi*, u għalhekk l-eċċezzjoni mibnija fuq nuqqas ta' *locus standi* hija miċħuda wkoll.
Fil-meritu rajna illi, għalkemm ingħatat riċevuta fil-kuntratt, ma huwiex kontestat illi l-atturi fadlilhom jagħtu elf u ħames mitt lira (Lm1,500) mill-prezz, u għalhekk il-kontro-talba għall-ħlas ta' dan il-bilanċ għandha tintlaqa'. Għandha ssir tpaċija mas-somma ta' tmien mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm875) li l-konvenut għandu jagħti lill-atturi għar-raġunijiet imfissra fuq, u għalhekk l-atturi fadlilhom jagħtu lill-konvenut sitt mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm625).
Dwar l-imgħaxijiet, l-art. 1141 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:
**1141.** (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.
(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.
Kif sewwa jgħidu l-atturi, l-obbligazzjoni ma kinitx ta' xorta kummerċjali, u għalhekk l-imgħaxijiet ma jgħaddux *ipso iure* minn dakinhar meta kellu jsir il-ħlas, iżda, billi kontro-talba għall-ħlas magħmula b'rikonvenzjoni hija "sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju", l-imgħaxijiet igħaddu minn dakinhar li saret il-kontro-talba, mhux minn dakinhar tas-sentenza, kif jippretendu l-atturi.
Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti taqta' l-kawża u tiddisponi kemm mit-talbiet ta' l-atturi kif ukoll mill-kontro-talbiet tal-

konvenut billi, wara li tgħid illi bil-kuntratt tal-15 t'Ottubru 1992, il-konvenut bigħ lill-atturi proprjetà li ma setax ibigħha għax ma kinitx tiegħu, u bigħilhom ukoll proprjetà milquta b'servitù li ma saritx dikjarazzjoni dwarha fil-kuntratt, tillikwida fis-somma ta' tmien mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm875) l-indennizz li l-konvenut għandu jagħti lill-atturi għal dawn ir-raġunijiet; tgħid ukoll illi l-atturi għandhom iħallsu lill-konvenut elf u ħames mitt lira (Lm1,500) bilanċ tal-prezz, u għalhekk, wara li sseħħ tpaċija ma' dak li l-konvenut għandu jagħti lill-atturi, tgħid illi l-atturi għandhom jagħtu lill-konvenut sitt mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm625), u tikkundanna lill-atturi jħallsu lill-konvenut sitt mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm625) flimkien ma' l-imgħaxijiet mill-4 ta' Diċembru 1997 sa meta jsir il-ħlas.

L-ispejjeż tal-kawża mibdija biċ-ċitazzjoni, fosthom l-ispejjeż tal-perizja, iħallashom il-konvenut; l-ispejjeż tar-rikonvenzjoni jħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------